MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 45/2004

John Piscopo, Mary mart Vincent Custo u Antonia mart Francis Magri

Vs

Joseph u Vanessa konjugi Portelli, Mario u Louise konjugi Grech

Il-Qorti;

Permezz ta' citazzjoni li giet prezentata fid-29 ta' April 2004 l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li bix-xogholijiet li ghamlu l-konvenuti, wettqu molestja fil-konfront ta' l-aturi in kwantu inkorporaw passagg mal-proprjeta' taghhom u l-access ghall-art ta' l-atturi gie ristrett ghal dahla wieqfa, dejqa u baxxa li d-dhul minnu m'huwiex ragonevolment

prattikabbli. Ghalhekk talbu lill-qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi l-qorti jnehhu x-xogholijiet kollha li ghamlu, u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu l-istess a spejjez tal-konvenuti. Inoltre, talbu lill-qorti sabiex tinibixxi lill-konvenuti milli b'xi mod personalment jew permezz ta' hadd iehor jiddisturbaw dan il-pussess.

Min-naha tal-konvenuti konjugi Grech, permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fis-27 ta' Mejju 2004 (fol. 18) isostnu li:

1. M'humiex il-legittimi kontraditturi ghaliex ix-xogholijiet li dwarhom l-atturi qeghdin jilmentaw, ma sarux minnhom.
2. Ma saret l-ebda molestja fil-pussess ta' l-atturi. L-atturi fadlilhom il-pussess li originarjament kellhom.
3. L-atturi jgawdu biss passagg bir-rigel minn gewwa l-proprjeta' tal-konvenuti, u llum il-passagg li thalla hu iktar wiesgha minn dak li tipprovdi l-ligi ghal passaggi simili.
4. L-atturi ma jistghux jippretendu li ghaliex ghandhom dritt ta' passagg ghandhom xi dritt fuq l-arja tal-passagg u lanqas ma jistghu jzommu lill-konvenuti mili jaghmlu kostruzzjoni, kemm-il darba jithalla passagg ghal dak ir-raba' taghhom, kif fil-fatt sar.
5. Il-konvenuti m'ghamlux xogholijiet fi sqaq numru 1, Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex.
6. Din il-kawza hi unikament motivata minn pika zejda u motivi ulterjuri. Qabel ma saret il-kawza l-konvenut ghamlu offerti ghal soluzzjoni bonarja, ghal liema offerti ma nghatat l-ebda twegiba.

Il-konvenuti konjugi Portelli pprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet fit-22 ta' Marzu 2005 (fol. 27) fejn tista' tghid taw l-istess eccezzjonijiet. Huma kkontestaw li l-konvenuti ddisturbaw lill-atturi fil-pussess ta' hwejjighom. Ikkonfermaw ukoll li l-atturi ghandhom biss dritt ta' passagg bir-rigel mill-proprjeta tal-konjugi Grech. Inoltre, dan id-dritt ma gie bl-ebda mod mittiefes bil-mod kif sar l-izvilupp.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew skambjati bejn il-partijiet.

Rat ukoll l-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 52/03 fl-ismijiet **John Piscopo et vs Joseph Portelli et**.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2008 minn fejn jidher li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

1. L-atturi qeghdin jezercitaw l-*actio manutenionis* fuq passsagg li jwassal ghall-ghalqa proprjeta’ taghhom u jilmentaw li minhabba l-izvilupp li ghamlu l-konvenuti l-passagg sar idjaq, iktar baxx u iktar wieqaf. Il-fatti huma s-segwenti:

(a) L-atturi huma wlied Giovanna Piscopo li permezz ta’ kuntratt ta’ qasma li sar fl-1 ta’ Awwissu 1980 (fol. 96) fl-atti tan-nutar Giuseppe Cauchi kienet giet assenjata porzjon art li parti minnha tmiss min-naha ta’ nofsinhar mal-passagg li hu mertu tal-kawza.
(b) B’kuntratt li sar fit-18 ta’ Ottubru 2002 fl-atti tan-nutar Kristen Dimech (fol. 180), il-konvenuti konjugi Grech xtraw raba’ fl-inhawi maghrufa bhala il-Fgura, limiti Gharb, Ghawdex minghand Francis u Cecila konjugi Gauci. Min-naha ta’ nofsinhar l-art tikkonfina ma’ sqaq li jisbokka fi Triq il-Knisja, Gharb[1]. Ma rrizultax li l-passagg fuq imsemmi (li llum hu msaqqaf) kien f’xi zmien maqtugh (per ezempju b’hajt tas-sejjiegh) mill-art li xtraw il-konjugi Grech, u ghalhekk jidher li kien jifforma parti minnha. Passagg li jservi ghad-dhul u hrug ghar-raba’ ta’ terzi, fosthom tal-atturi li in parti tikkonfina min-naha ta’ nofsinhar mal-proprjeta’ tal-konjugi Grech.
(c) Fit-30 ta’ Jannar 2003 l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar harget permess ta’ zvilupp numru 5839/01 (fol. 203) ghall-bini ta’ l-art li xtraw il-konjugi Grech. Fil-pjanta approvata, fil-livell tal-basement jidher il-passagg fuq imsemmi li jaghti ghar-raba’ ta’ l-atturi. Dan il-passagg jidher fil-pjanta annessa mal-permess ta’ zvilupp (fol. 207).

[1] Ara pjanta a fol. 182.

(d) Qabel beda l-izvilupp fil-proprjeta' tal-konjugi Grech, jidher li l-art kienet mitluqa (f'dan is-sens ara ritratti a fol. 145).

(e) **Fl-4 ta' Settembru 2003** l-atturi pprezentaw mandat ta' inibizzjoni (numru 52/2003) sabiex il-konvenuti jinzammu milli jkomplu jaghmlu xogholijiet li jigu fuq il-passagg li ffurmaw; *"Dan peress illi bl-istess xogholijiet intom abbuzivament u bi ksur tal-ligi usurpajtu parti mill-wisgha ta' dak il-passagg u kkostringejtu l-access minnu billi saqqaftuh anki fil-baxx."*. B'digriet moghti **fis-17 ta' April 2004** it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni giet milqugha.

(f) L-art li tidher mitluqa fir-ritratti a fol. 145 inbniet. Fejn fir-ritratt numru wiehed (1) hemm il-kelma (passagg) hemm fetha ta' bieb li taghti ghal passagg li jidher fir-ritratti li ttiehdu mill-Magistrat sedenti waqt l-access li sar fit-2 ta' Mejju 2008.

(g) Il-passagg ezistenti, *"....minn fejn jibda ...hu wiesgha cirka tlett piedi u nofs. Fit-tarf l-iehor il-passagg wiesgha cirka erbgha (4) piedi."* (verbal ta' l-access li sar fit-2 ta' Mejju 2008).

2. Jibda biex jinghad li d-dokumenti li jinsabu a fol. 31 sa 39 m'huma bl-ebda mod relatati ma' dan il-procediment imma ma' kawza ohra[2]. Il-qorti ghalhekk tordna li jigu sfilzati.

3. Il-konvenuti konjugi Grech eccepew li m'humiex legittimi kontradittur ta' l-atturi ghaliex *"...ma wettqu xejn minn dak illi hemm lamentat fic-citazzjoni."*. Il-qorti ma taqbilx. Mill-provi rrizulta li meta sar l-att li dwaru l-atturi ressqu din il-kawza, kienu diga' xtraw l-art. Tant hu hekk li l-permess ta' zvilupp inghata fit-30 ta' Jannar 2003, meta l-konjugi Grech kienu diga' proprjetarji. Inoltre, irrizulta li f'dak l-istadju l-konvenut Joseph Portelli kellu l-inkarigu mill-istess konvenuti sabiex jibni l-art skond il-permess ta' zvilupp li kien hareg f'ismu wara li xtraw l-art[3]. Mill-provi

[2] **Maria Camilleri et vs Carmel Cauchi et** (Cit. nru: 207/2000).

[3] Il-konvenut Grech ikkonfermat li meta xtrat l-art kien ghad ma sarx zvilupp; *"Sadanittant il-propjeta' tieghi kien ghadha ma gietx kostruita u fl-istess gurnata ghamilt*

hu evidenti li Portelli kien applika f'ismu u l-probabilita' hi li kellu konvenju mal-konjugi Gauci. Sussegwentement kien assenja d-drittijiet tieghu lill-konjugi Grech. Ghalkemm il-fond gie zviluppat skond il-pjanta tal-permess ta' zvilupp li applika ghalih il-konvenut Joseph Portelli, b'daqshekk ma jfissirx li l-konjugi Grech m'humiex il-legittimi kontradditturi. Meta beda l-izvilupp l-art kienet proprjeta' taghhom u Portelli kien qieghed jesegwixxi l-inkarigu moghti lilu bhala kuntrattur.

L-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Portelli (fol. 27) giet ezawrita bid-digriet moghti fil-21 ta' April 2006 (fol. 124).

4. M'hemmx dubju li l-atturi qeghdin jezercitaw kawza possessorja. Fil-kawza **Giuseppe Debattista vs Giuseppe Massa** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Gunju 1935 (Vol. XXIX.ii.590) gie osservat:- *"Illi, kif osservat il-Qorti ta' Firenze fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru 1869 (Fadda, Comm. Art. 694, para 1443), "se un giudizio petitorio o possessorio si desume dall'atto di citazione o dalla prima difesa del convenuto"; Illi l-Qorti ta' Torin (idem para 1394) osservat illi 'per distinguere l'azione possessoria dalla petitoria devonsi ritenere questi criteri: o la domanda si appoggia esclusivamente sul possesso come fatto, e l'attore allegando questo fatto chiede di essere mantenuto o reintegrato nel suo possesso, e allora l'azione e' possessoria; o la domanda ha per fondamento l'offesa del diritto piu' o meno di proprieta', e allora l'azione istituita e' una azione petitoria"*. Fl-azzjonijiet possessorji sabiex jigu rizolti kwistjonijiet ta' pussess m'ghandhomx jigu ezaminati kwistjonijiet petitorji.

Skond l-Artikolu 534 tal-Kodici Civili:

*"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli, jew ta' universalita' ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma*

---

*kuntratt iehor ta' appalt ma' Joseph Portelli sabiex ilesti din id-dar li kont behsibni nakwista hemmhekk.*" (fol. 144).

*jkunx ha b'idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju."*.

Ghat-tutela tal-pussess permezz ta' din l-azzjoni hemm bzonn il-konkors rigoruz tal-estremi li huma rikjesti mil-ligi, li huma:-

(a) il-pussess ta' haga immobbli jew ta' universalita` ta' hwejjeg mobbli.

Azzjoni li tista´ ssir minn *"kull min, waqt li jinsab fil-pussess ta´ liema xorta jkun, ta´ haga immobli, jew ta´universalita´ta´ hwejjeg immobbli, jigi molestat f´dan il-pussess, dana l-pussess skond id-definizzjoni moghtija mill-legislatur fl-art. 561 tal-Kodici Civili, jigifieri d-detenzjoni tal-haga animo domini."* (**Luigi Galea vs Giuseppe Galea** deciza mill-PrimÁwla tal-Qorti Civili fis-16 ta´Dicembru 1955 – Vol. XXXIX.ii.815).

Il-pussess u l-proprjeta´ huma normalment f'dejn l-istess persuna, il-proprjetarju. F´dawk ic-cirkostanzi l-pussess mhu xejn ghajr l-ezercizzju tad-dritt ta´ proprjeta´. Pero´ jista´ jkollok cirkostanzi fejn il-pussess hu separat mill-proprjeta´.

L-Artikolu 524 tal-Kodici Civili jaghti definizzjoni ta´pussess:

*"Il-pussess huwa* ***d-detenzjoni ta' haga korporali jew it-tgawdija ta' jedd****, li taghhom tista' tinkiseb il-proprjetà, u li wiehed izomm jew jezercitah bbala tieghu nnifsu.".* Il-fatt materjali wahdu m´mhuwiex bizzejjed. Irid ikollok l-intenzjoni li tippossjediha bhala proprjetarju.

Il-gurista Laurent jsostni li ***"Detenere significa tenere nelle proprie mani, avere in suo potere; e la parola godere ha un analogo significato."*** (*Principii di Diritto Civile*, Vol. XXXII pagna 216). Osserva wkoll li *"Si vede che la legge non qualifica il possesso come un diritto, poiche´* ***la detenzione e il godimento sono dei fatti.****"* (l-osservazzjoni hi dwar provvediment identiku ghal dak li

nsibu fil-ligi Maltija). L-istess awtur jaghmel riferenza ghall-gurista Pothier li qal: *“**Il possesso, egli dice, e´ un fatto piu´che un diritto sulla cosa che si possiede.** Un usurpatore ha veramente il possesso della cosa della quale si e’ impadronito ingiustamente; egli e´ tuttavia evidente che egli non ha nessun diritto su di questa cosa.”*. Rilevanti hi din id-definizzjoni: *“Il possesso si identifica, dal punto di vista giuridico, come **un potere di fatto sulla cosa indipendente dal titolo della proprieta’**. Se e’ normale che il proprietario possiede il bene, e’ possible che il possesso sia disgiunto dalla proprieta’. Cio’, tuttavia non basta a qualificare il possesso dal punto di vista giuridico. Necessario e’ anche il cosiddetto animus possidendi: la volonta’ del possessore di esercitare sulla cosa I poteri del proprietario.”* (Diritto Civile, Paolo Tabacchi, 2007 pagna 75). Id-distinzjoni bejn il-pussess u d-detenzjoni hi proprju l-animus (ara f’dan il-kuntest is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili[4] fil-kawza **George Camilleri vs George Bonello** deciza fl-20 ta’ Ottubru 2005.

(b) Il-molestja; *“Illi l-molestja ghalhekk tista’ tkun tant ta fatt kemm ta’ dritt imma timplika dejjem kontradizzjoni ghall-pussess, fil-ligi taghna “ta’ liema xorta jkun.”. Hi testerna ruhha f’att kompjut kontra l-volonta’ tal-pussessur – u bl-‘animus contrarius’ (li jagixxi kontra tieghu) – li jostakola l-pussess jew ibiddel jew jillimita il-mod kif dan kien jigi qabel esplikat anki minghajr ma l-molestanti jafferma ghalieh stess pussess kuntrarju.”* (**Teresa Vella vs Mary Boldarini** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-24 ta’ Frar 1967);

(c) il-proponiment ta’ l-azzjoni fi zmien sena mill-molestja;

(d) l-attur ma jkunx ha f’idejh dak il-pussess minghand il-konvenut *vi aut clam*, jew ma jkunx akkwistah bi prekarju.

*“Azzjoni bhal din timmira biex tassikura l-godiment pacifiku tal-pussess u biex tinibixxi kull att li jittraduci ruhu f’ ostakolu ghall-izvolgiment ta’ l-ezercizzju tad-dritt*

[4] Imhallef T. Mallia.

*sostantiv tal-pussess. Il-finalita` taghha hi dik allura ta' funzjoni konservattiva tal-pussess u c-cessazzjoni tal-molestja."* (**Domenica Mamo et vs Antonia Galea** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] fit-18 ta' Frar 2004.). Kwistjonijiet ta' natura petitorji m'ghandu jkollhom l-ebda influwenza fuq kawza ta' din ix-xorta.

5. Ghal dak li hu zmien li fih saret il-kawza, il-konvenuti Grech ddikjaraw: *"Ghalkemm ma hemm xejn konklussiv min-naha tal-provi migjuba min naha ta' l-atturi, il-konvenuta disposta tikkoncedi illi l-azzjoni odjerna saret fit-terminu ta' sena minn meta sehhew ix-xogholijiet lamentati."*[6]. Il-konvenuti Portelli ma kkummentaw xejn. L-oneru tal-prova qieghed fuq l-atturi. Li hu cert hu li sad-data li gie prezentat ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (4 ta' Settembru 2003), l-atturi kienu diga' qeghdin isostnu li l-passagg kien djieq u gie msaqqaf. L-atturi pprezentaw il-kawza fid-29 ta' April 2004. L-attur xehed: *"**Ghall-habta ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003), saru xi xogholijiet,** jiena ma kontx konsapevoli ta' dak li kien qed isir. Izda xi zmien wara, gejt infurmat dwarhom minn William Formosa."* (fol. 94). Min-naha taghhom il-konvenuti ma taw l-ebda hjiel meta sar ix-xoghol li dwaru qeghdin jilmentaw l-atturi. Fin-nuqqas ta' provi l-qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li l-azzjoni saret wara z-zmien kontemplat mil-ligi.

6. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li l-fatt li l-passagg gie msaqqaf isarraf f'molestja. Il-Magistrat sedenti kellu l-opportunita' li jghaddi mill-passagg waqt l-access li sar fit-2 ta' Mejju 2008 u rrizulta li l-gholi tal-passagg jippermetti li persuna tghaddi minghajr xkiel. M'hemmx dubju li l-passagg hu wiesgha bizzejjed sabiex persuna tghaddi bir-rigel u anke mutur tal-hart ta' l-idejn (ara l-bokka tal-passagg li tidher fir-ritratt Dok. JP3 a fol. 111). Il-qorti m'hijiex moralment konvinta li mill-atti rrizulta li l-awturi ta' l-atturi kienu jghaddu b'xi mezz iehor minn dak li qeghdin

[5] Imhallef P. Sciberras.
[6] Nota prezentata fis-17 ta' Settembru 2008.

jirreferu ghalih bhala passagg originali. Il-qorti ghandha wkoll dubju dwar jekk il-passagg kif inhu llum hu iktar wieqaf min kif kien originarjament. Il-parti tal-passagg li hi wieqfa hi l-ewwel parti (ara ritratti Dok. AE1 u AE4). Li hu zgur hu li l-proprjeta' ta' l-atturi qeghda f'livell iktar baxx minn dik tal-konvenuti Grech. Li l-passagg originali kien ghan-nizla hu wkoll konfermat mir-ritratt numru 1 a fol. 145. Mill-livell ta' sqaq numru 1 jidhru zewg filati tal-pedament tal-bini ta' Saviour Axiaq. Il-filata ta' taht hi ndikazzjoni cara li l-passagg kien ghan-nizla. L-istess hu passagg iehor biswit l-istess art (ara ritratt numru 2 a fol. 145) u ritratt AE8 mehud mill-Magistrat sedenti waqt l-access tat-2 ta' Mejju 2008. Michael Cassar, mistoqsi jekk in-nizla saritx iktar wieqfa, qal: *"...jekk tinzillek ix-xita lanqas titla' minnu kien. Ghax jizzellaq....."* (fol. 243). Mistoqsi jekk il-passagg kif inhu llum huwiex iktar wieqaf, spjega: *"Le, jiena ghalija moqdi l-istess."* (fol. 243). Mix-xiehda rrizulta li parti mill-passagg, qabel inbena l-fond tal-konvenuti, kien jibqa' sejjer dritt ghal fuq il-gebel imqeghdin ma' xulxin u li jidhru fir-ritratt Dok. JP5 a fol. 112 u li gie deskritt bhala passagg. F'dan il-kuntest issir riferenza ghax-xiehda li nghatat minn Joseph Formosa[7] u Alfred Cini (fol. 115, 140 u seduta tal-4 ta' April 2008). Illum minhabba l-wisa' tal-passagg, kif tohrog mill-passagg tigi ghal fuq ir-raba' proprjeta' ta' l-atturi (kif jidher mill-istess ritratt). Ghalkemm l-atturi qeghdin jilmentaw li peress li l-passagg djieq *"....terzi persuni jkollhom jghaddu minn fuq ir-raba' taghna sakemm imbaghad jaslu ghar-raba' taghhom."* (fol. 95), dan ma jfissirx li qabel ma kienx qieghed jigri hekk ukoll. Dan in kwantu l-attur stess xehed li **l-passagg gie mdejjaq**, *"....minnu giet uzurpata proprju l-parti li kienet taghti bid-dritt ghall-passagg bil-gebel."* (fol. 94). Ghalhekk hu evident li l-atturi stess qeghdin jammettu li qabel sar l-izvilupp fil-proprjeta' ta' Grech, il-passagg kien jaghti wkoll ghal fuq l-art taghhom u ma kien hemm l-ebda ostakolu li terzi jghaddu minn hemm qabel jitilghu fuq il-passagg li l-wicc tieghu hu gebel tal-kantun. Hemm ukoll ix-xiehda ta' Michael Cassar (5 ta' Dicembru 2007) li qal li ghalih il-passagg ma djieqx, *"....ghax tant kien hemm imbarazz."* (fol. 242). Spjega wkoll li kienu jnaddfuh u li

[7] Seduta tat-28 ta' April 2005.

hadd ma kien ikellimhom. Il-qorti m'hijiex konvinta li b'dak li sar hemm xi tfixkil fl-uzu tal-passagg.

7. Il-konvenuti kollha jaqblu li l-atturi jgawdu d-dritt tal-passagg minn fuq l-art li xtraw il-konjugi Grech[8]. Dritt li ma jirrizultax minn att pubbliku imma mill-fatt ta' l-interkjuzura tal-fond ta' l-atturi. Sabiex l-atturi jidhlu u johorgu mill-proprjeta' taghhom iridu jghaddu mill-passagg li llum hu msaqqaf u li jisbokka ghal fuq l-isqaq. F'din il-kawza il-**haga immobbli** hi servitu' ta' passagg, minkejja l-fatt li fl-att tac-citazzjoni l-atturi qieshom qeghdin isostnu li dik li jirreferu ghaliha bhala entrata minn dejjem giet kunsidrata bhala parti mill-art taghhom. L-atturi ma taw l-ebda spjegazzjoni dwar kif din 'l-entrata' *"dejjem giet ritjenuta bhala formanti parti mill-istess art."*[9]. L-atturi stess ipprezentaw il-kuntratt ta' divizjoni[10] li bih ommhom (Giovanna Piscopo) giet assenjata r-raba' li llum hi proprjeta' taghhom, u fih jinghad li r-raba' tmiss min-naha tal-lvant ma' passagg (iffurmat minn gebel li jidher fir-ritratt Dok. JP5 a fol. 112). Fl-ebda parti ta' dan il-kuntratt m'hemm riferenza ghall-passagg li hu mertu ta' din il-kawza[11]. Zball iehor li ghamlu l-atturi hu meta fic-citazzjoni jppremettu li l-proprjeta' taghhom hi *"...accessibbli minn entrata **ossia** sqaq bin-numru wiehed (1) fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex."*. Il-fatti m'humiex hekk. Dik li jsejhu bhala entrata m'hijiex parti minn sqaq numru 1 fejn ma saru l-ebda xogholijiet. Sqaq numru 1 m'huwiex il-meritu ta' din il-kawza. Madankollu meta l-attur xehed in kontro-ezami iccara l-posizzjoni fis-sens li kkonferma li l-atturi qeghdin jippretendu li ghandhom **dritt ta' passagg mill-moghdija in kwistjoni** (fol. 222). Ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi jsostnu li *"...l-atturi kienu* ***jezercitaw dan il-passagg animo domini, igifieri bil-kredenza li kienu qed jezercitawh bi dritt****. Fil-fatt dan il-*

---

[8] Tielet eccezzjoni tal-konvenuti Grech (fol. 18) u tal-konvenuti Portelli (fol. 27).
[9] Premessa li ghamlu l-attur fl-att ta' citazzjoni.
[10] Fol. 96.
[11] *"Bicca raba' l-Gharb, fil-kuntrada u maghrufa Tal-Fgura, ta' xi erba' mja u sitta w ghoxrin metri kwadri u tmiss llum lvant ma passagg, nofsinhar ma' beni ta' Salvu Axiak u tramuntana ma beni ta' toni Gatt, franka u li tidher fil-pjanta u site plan hawn annessi Dokument C."*.

*passagg huwa l-uniku access li jezisti ghal din ir-raba' taghhom."*[12].

L-Artikolu 537 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"**Fi kwistjonijiet ta' pussess** f'kazijiet ta' servitu', il-jeddijiet u dmirijiet tal-proprjetarji tal-fond dominanti u serventi u ta' kull persuna ohra li jkollha interess, jigu stabbiliti fuq l-uzu tas-sena ta' qabel, jew, fil-kaz ta' servitujiet li jitgawdew f'intervalli ta' izjed minn sena, fuq l-uzu ta' l-ahhar tgawdija."*.

Minn qari ta' dan il-provvediment hu evidenti li l-ligi tipprovdi espressament dwar kif ghandu jitqies il-pussess f'kaz ta' servitu'. L-attur John Piscopo[13] spjega kif kemm ilhom li wirtuh minghand ommhom ir-raba' proprjeta' taghhom ma tinhadimx. Mistoqsi jekk ilhomx li wirtuha 16 jew 20 sena, wiegeb: ***"U hekk, xi haga hekk. Iva xi haga hekk."*** (fol. 227). Ikkonferma wkoll li kemm ilu li wiret ir-raba' ma marx fiha (fol. 229). Hu ghalhekk manifestament eskluz li dan l-attur ghamel uzu mill-istess passagg matul is-sena qabel sehhet il-molestja li minnha qeghdin jilmentaw l-atturi. L-istess japplika ghall-atturi l-ohra li ghazlu li ma jixhdux, u *"trattandosi dell'azione di manutenzione, nascendo la stessa dal possesso uti possidetis, **deve colui che la esperimenta provare di essere possessore.**"* (**Michele Azzopardi vs Giuseppe Farrugia**, Appell, 21 ta' Novembru 1930). Mill-provi hu evidenti li l-atturi jsostnu li l-molestja kienet diga' saret meta fl-4 ta' Settembru 2003 ipprezentaw ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 52/03). Tant hu hekk li fil-premessi tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, qalu: *"....bl-istess xogholijiet intom abbuzivament u bi ksur tal-ligi **usurpajtu parti mill-wisgha ta' dak il-passagg u kkostringejtu l-access minnu billi saqqaftuh anki fil-baxx.**"*[14]. Il-qorti m'hijiex moralment konvinta li l-atturi rnexxielhom jaghtu prova li matul is-sena qabel l-4 ta' Settembru 2003 kienu qeghdin

[12] Prezentata fit-12 ta' Awwissu 2008.
[13] Kontro-ezami seduta tat-8 ta' Novembru 2007.
[14] Ara mandat ta' inibizzjoni numru: 52/2003.

jaghmlu uzu mill-passagg in kwistjoni[15]. Ukoll fuq din il-bazi l-qorti hi tal-fehma li l-azzjoni ghandha tfalli.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Grech (spejjez kontra taghhom) u tiddikjara li l-ewwel eccezzjoni tal-konjugi Portelli hi ezawrita (spejjez kontra taghhom), fil-meritu tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom in kwantu ma gewx pruvati l-elementi ta' pussess u molestja. Spejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[15] F'dan il-kuntest ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Francesca Borg vs Giorgio Zammit** deciza fis-7 ta' Dicembru 1956 (Vol. XL.i.386) li kienet *actio manutenionis* wara li l-konvenut kien fetah bieb ghal fuq l-isqaq. F'dik il-kawza l-qorti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 537 (daz iz-zmien Art. 571) tal-Kodici Civili u osservat li *"...f'dan il-kaz jinsab eskluz li matul is-sena ta' qabel il-ftuh tal-imsemmi bieb l-appellant* (il-konvenut) *seta' ghamel uzu mill-passagg mill-istess bieb ghall-isqaq."*.